MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Numru. 4/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Mercieca]**

**vs**

**Martin Portelli**
**Maria Anna Portelli**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Martin Portelli detentur tal-karta tal-identita` numru 432055(M) u Maria Anna Portelli detentrici tal-karta tal-identita` 325356(M).

Akkuzati talli fil-25 ta’ Gunju, 2010, u/jew fix-xhur ta’ qabel u/jew wara din l-istess data, f’dawn il-Gzejjer:
1. minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija u/jew ta’ xi awtorità ohra, b’xi mod li jkun, baghbsu nehhew, bidlu jew ghamlu numru tal-identifikazzjoni ta’ *chassis* u/jew makna ta’, jew fuq,

vettura bil-mutur, u cioè billi nehhew numru tax-*chassis* li jaqra 'KMHUF31MPMU44750' minn fuq vettura tal-marka Hyundai Excel bin-numru tar-registrazzjoni originali DAA232 u wahhluh fuq vettura differenti tal-istess marka w mudell;

2. sabiex jiksbu vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentament ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz billi wahhlu sett ta' pjanci tar-registrazzjoni bin-numri DAA232 fuq vettura differenti tal-marka Hyundai Excel;

3. ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentament ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhlu par tarek tar-registrazzjoni DAA232 fuq vettura differenti tal-marka Hyundai Excel;

4. minghajr l-approvazzjoni bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija u/jew ta' Trasport Malta, ghamlu, ordnaw jew gieghlu l-ghemil ta' xi tibdil fil-*'body'* u/jew fin-numru tax-*chassis* u/jew tal-magna ta' vettura tal-marka Hyundai Excel, bin-numru tar-registrazzjoni originali DAA232 u fuq vettura ohra tal-istess marka w mudell, numru tar-registrazzjoni mhux maghruf;

5. saqu vettura tal-marka Hyundai Excel b'numru tar-registrazzjoni falz meta din l-istess vettura ma kinitx registrata mal-kummissarju tal-Pulizija u/jew ma' Trasport Malta, u ghalhekk ma kinitx koperta b'licenzja sabiex tintuza fit-triq u b'polza t'assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;

6. f'Malta xjentament laqghu ghandhom jew xtraw vettura tal-marka Hyundai Excel, numru tar-registrazzjoni mhux maghruf, liema vettura kienet mehuda b'qerq, jew akkwistata b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentament, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuha jew imexxuha.

Rat d-dokumenti pprezentati u l-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-ammissjoni tal-imputat Martin Portelli u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregla ruhu, skont verbal datat 28 ta' Mejju 2012, tal-akkuzi kollha hlief parti mill-hames akkuza hekk kif dikjarata fil-verbal filwaqt li l-kumplament taghha irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi l-Prosekuzzjoni irtirat l-akkuzi kollha fil-konfront tal-imputata Maria Anna Portelli.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 298D, 188, 189 u 334 tal-Kap. 9, l-Artikolu 91 tal-Avviz Legali 65 tal-2011, u l-Artikolu 3(1) (1A), (1B), (2)(a) u (2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Martin Portelli, hati tal-akkuzi kollha hlief dik il-parti tal-hames akkuza fejn tindika vettura mhix inxurjata u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum filwaqt li tillibera lil Maria Anna Portelli stante rinunzja mill-Prosekuzzjoni.

Inoltre l-Qorti tordna l-konfiska tal-vettura esebita bhala Dokument JM10.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------